# Il-Kitba Narrattiva

**Sa A. Schembri u Sa C. Zerafa**

**Skola St Joseph, Tas-Sliema**



# In-Narrattiva, rakkont, storja...

In-narrazzjoni hi: rakkont ta' ġrajjiet; qsim ta' esperjenzi; ftuħ ta' tieqa fuq dinjiet oħra li mhux familjari għall-qarrej.

Narrazzjoni tajba ddaħħal lill-qarrej f'realtà oħra, f'dinja li teżisti b'mod parallel għal tiegħu jew dinja immaġinarja u ta' seħer.



Ħajjitna mimlija stejjer u esperjenzi differenti u l-bniedem sa minn dejjem ħass il-bżonn li jirrakkonta, li jaqsam il-ġrajjiet tiegħu ma' ħaddieħor.

# Il-kwalitajiet tan-narrattiva

- Terġa' tagħti l-ħajja lil ġrajjiet u esperjenzi tal-imgħoddi; toħloq sitwazzjonijiet u stejjer fittizji.
- Tista' tkun ibbażata fuq esperjenzi li ġraw tassew lill-kittieb jew li rahom iseħħu, jew tkun kollha kemm hi frott tal-immaġinazzjoni.
- Fl-istorja l-kittieb jista' jenfasizza ideat jew messaġġi partikolari.



WBD 2010 illustrations © Joe Berger



# In-narrazzjoni hija arti

Kull storja tista' tkun interessanti jekk min qed jirrakkontaha jkun jaf kif għandu jibni n-nisġa tal-ġrajjiet b'mod li jqanqal suspans, kurżità, tbissima jew iqabbeż demgħa lill-qarrej.

In-narratur għandu l-ħila jibdel sitwazzjoni komuni fi storja affaxxinanti u mhux tas-soltu.

(Titli meħudin mill-karti taċ-ĊES tal-imgħoddi)

# Kif ikun titlu narrattiv?

- Dakinhar ħassejtni se ntir bil-ferħ.
- Ma kinitx ċajta li mort nagħmel!
- Dakinhar ħadt l-akbar qatgħa ta' ħajti.
- Qatt ma kont naf li...
- Kieku tkellimt ma kienx jiġri dak li ġara.
- Min jitwieled tond ma jmutx kwadru.
- Dak li tiżra' taħsad.



# Qabel tibda...



- Identifika l-ġrajja li se tikteb dwarha.
- Għaliex hija interessanti daqshekk?
- Niżżel xi ħsibijiet.
- Ifforma plott ħafif li tista' timxi miegħu.

# Pjan ħafif

- Agħmel pjan ħafif tal-istorja billi tippjana l-plott, tara min huma l-karattri, l-ambjent li fih se sseħħ l-istorja u s-sekwenza tal-ġrajjiet, bil-qofol u t-tmiem.
- Hekk l-istorja tkun diġà bdiet tagħqad bil-mod.




karattri
rakkont
messaġġ
ħsibijiet
kurżità
plott
ambjent
kunflitt
ġewwa
nisġa
narrattiva
barra
personalità
emozzjoni
vojt
atmosfera
narratur
għeluq
diffikultà
ftuħ
mimli
imġiba
ġrajjiet
sitwazzjoni
problema
l-ewwel persuna
xeni
deskrizzjoni
misteru
isem
dehra
suspans

# Il-Plott



- Kull storja hija magħmula minn sensiela ta' ġrajjiet wara xulxin u kull waħda twassal għall-oħra.
- Ix-xeni huma kollha importanti għax dak li qed jiġri jkun qed jgħaddi minn proċess biex l-istorja tilħaq il-qofol tagħha.
- Mhux bilfors tpoġġi l-ġrajjiet wara xulxin kif ġraw tassew, iżda tista' tibda b'analessi (*flashback*) jew prolessi (*flashforward*).
- Plott maħsub tajjeb huwa riċetta għal storja tajba.

# L-ambjent

- Kull storja sseħħ xi mkien, għalhekk in-narrazzjoni tiegħek trid tkun lokalizzata.
- Fi storja qasira bħal dik li se tikteb inti ġeneralment l-azzjoni sseħħ f'post wieħed, li jista' jkun barra jew ġewwa.
- Il-post għandu rwol importanti fl-istorja għax jikkundizzjona l-plott u l-karattri.

***ġewwa/ barra***

***magħluq/ miftuħ***

***mimli/ vojt***

***qadim/ ġdid***

***kiesaħ/ sħun***

***atmosfera***

# Is-sitwazzjoni jew il-problema



- Kull storja qed tinkiteb għal raġuni u fiha hemm xi sitwazzjoni jew problema li l-karattru prinċipali qed iħabbat wiċċu magħha.
- Id-diffikultà se tagħmel l-istorja iżjed interessanti u tikxef iżjed dwar il-karattri involuti.
- Fil-qarrej jitqanqlu iżjed is-suspans u l-kurżità u għalhekk l-istorja tinħass iżjed qawwija.

# Il-karattri

- Ħafna drabi komponiment narrattiv jinkiteb fl-ewwel persuna u għalhekk il-karattru prinċipali jkun in-narratur innifsu.
- Iżda storja tista' tinkiteb fit-tielet persuna u għalhekk in-narratur jirrakkonta ġrajja ta' karattru 'l barra minnu.
- Fl-istorja jista' jkun hemm karattri sekondarji minbarra dak prinċipali.
- F'komponiment ta' 350 kelma ddaħħalx iżjed minn 3 karattri għax m'hemmx wisq spazju fejn telabora fuq kull wieħed.



# Il-karattri

- Qis li tkun tafhom sew:

Isem

Dehra

Imġiba

Karattru / personalità

Hawnhekk id-deskrizzjoni hija importanti ħafna.

mara/ raġel
pulit/żmattat
fqir/sinjur
ħaddiem/ student
anzjan/ żagħżugħ
nervuż/ kalm
nadif/ maħmuġ
organizzat/ imferfex
innoċenti/ makakk
panikuż/ frisk bħal ħassa
iżomm kelmtu/ mhux ta' min jafdah



# L-ewwel paragrafu

L-ewwel paragrafu jista' jintroduċi l-esperjenza u jwassal is-sinifikat tal-istorja. B'dan il-mod  il-qarrej ikollu  idea ta' x'tip ta' esperjenza se jsib matul ir-rakkont.



# L-ewwel paragrafu

Tista' tibda l-istorja billi taqbad tirrakkonta l-ġrajja **mill-bidu** tagħha, imbagħad tħalli l-messaġġ jew il-ħsieb għall-aħħar.



***Ma kinitx ċajta li mort nagħmel!***

*Kont ilni naħsibha biex inpattihielha. Wara li daħqu bija, issa kien imiss li jidħqu ftit biha. Ġietni ċajta tajba f'moħħi. Ma ridtx inkun kattiva, ridt biss li sħabi tal-klassi jidħku daħka b'Romina.*

# L-ewwel paragrafu

***Ma kinitx ċajta li mort nagħmel!***

*Għajjat, storbju, paniku u taqlib. Minn kollox beda jiġri u donnu kulħadd tilef il-kontroll fuqu nnifsu. Ma kinitx ċajta li mort nagħmel. Stajt nissoponi x'kienu se jkunu l-konsegwenzi ta' ċajta li f'għajnejja kienet tidher żgħira u innoċenti.*

Tista' tibda l-istorja billi taqbad tirrakkonta l-ġrajja **mit-tmiem** tagħha fejn il-konsegwenzi jkunu diġà magħrufa, imbagħad mit-tieni paragrafu tibda l-ġrajja skont kif seħħet.



# Il-paragrafi l-oħra

- Kompli l-istorja fil-bqija tal-paragrafi billi żżewwaq l-azzjonijiet b'deskrizzjonijiet tal-post, tal-karattri u anki tal-emozzjonijiet.
- Tinsiex iddaħħal ħsibijiet, riflessjonijiet u emozzjonijiet li jmorru ma' dak li jkun qed jiġri.





# Id-deskrizzjoni

- L-istorja ssir iżjed interessanti bl-użu tad-deskrizzjoni biex il-qarrejja jidħlu iżjed fl-atmosfera u jsiru parti mir-rakkont.
- Il-postijiet, il-karattri, u l-istorja nnifisha jieħdu iżjed ħajja meta l-kitba jkollha partijiet deskrittivi, b'aġġettivi u avverbji li jagħtu stampa dettaljata ta' dak li qed issemmi.

# Tal-aħħar...

- Aħseb bħall-qarrej. Dak li se tippreżenta fil-kitba huwa l-uniku informazzjoni li se jkollu l-qarrej. Ftakar biex tippreżenta dak kollu li għandek f'moħħok.
- Mhux kull dettall huwa importanti, żomm biss dawk li huma relevanti għall-iżvilupp tar-rakkont.



# It-tmiem

- L-istorja tista' tispiċċaha billi ssolvi l-problema jew is-sitwazzjoni ċentrali tal-ġrajja.
- Il-ġrajja tista' tagħlaq b'misteru, b'nuqqas ta' ċarezza f'dak li ġara wara u l-qarrej jibqa' jistaqsi.
- In-narratur jista' jagħżel li jpoġġi ċerti ħsibijiet jew riflessjonijiet biex jagħlaq.
- Tista' terġa' tuża s-sentenza li ftaħt biha u tkompli tibni fuqha biex toħroġ il-ħsieb finali.





# Xogħol irfinut

- Aħseb;
- Ippjana u qassam il-ħsibijiet;
- Ikteb;
- Erġa' aqra x-xogħol u rranġa dak li hemm bżonn;
- Aqraha lil xi ħadd;
- Tibżax tħalli l-immaġinazzjoni timraħ.